MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Numru 1144/2009

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**

**Vs.**

**GEORGE VELLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom George Vella ta' 35 sena, bin Spiridione u Emanuela nee' Farrugia, imwieled Pieta', nhar l-4 ta' Gunju, 1974 u li joqghod, 2, Block 2, Fuq San Pawl, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita numru 295674M.

Billi huwa akkuzat talli f'Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Novembru, 2004, f'xi hin bejn id-disgha u nofs ta' filghodu, u is-siegha

u kwart ta' wara nofs in nhar, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' flus, liema serq, li sar ghad-detriment ta' Franco Cefai minn tal-Pieta', huwa ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro cent (LM1000);

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro cent (Lm50) saret ghad-detriment ta' Franco Cefai minn Tal-Pieta';

U finalment talli irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.
Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li fir-rigward tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirigwarda hsara volontarja, l-ammont ta' hsara hu ta' aktar minn Ewro 116.47 izda ma jeccedix l-ammont ta' Ewro 1164.69.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b), (c) u (e), 263, 267, 269, 278(3), 279(b), 280(2), 325(b), 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat George Vella, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imsemmi imputat George Vella ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat George Vella sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' sitt mija u tlieta u hamsin Ewro u wiehed u erbghin centezmi ta' Ewro (Ewro 653.41) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok RB1.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------